**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 916/2011 AF**

**Untours Insurance Agency Ltd (C5655) ghal Q.I.C.I. kif surrogata fid-drittijiet ta' Martin Mangion u l-istess Martin Mangion**

**vs**

**Ramona Cutajar Dalli**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Untours Insurance Agency Limited ghal Q.I.C.I. kif surrogata fid-drittijiet ta' Martin Mangion u l-istess Martin Mangion li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-istanti assikurat tas-socjetà mittenti Martin Mangion kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka BMW 520D bin-numru tar-registrazzjoni SDS 202 fi Triq Tal-Barrani gewwa z-Zejtun, fis-7 ta' Dicembru tas-sena 2010, u sehh incident stradali meta l-konvenuta, Ramona Cutajar Dalli, li kienet qed issuq il-vettura

tal-marka BMW 118D bin-numru tar-registrazzjoni RCD 259, minghajr ma hadet d-dovuti kawteli ghall-vetturi ohra, baqghet diehla fuq il-vettura tal-istanti, u bhala konsegwenza kkawzat l-imsemmi skontru stradali bejn l-indikati vetturi.

L-incident stradali sehh unikament minhabba negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta illi naqset milli zzomm *proper lookout* ghal vetturi ohra, senjament ghal dawk li kienu jinsabu posizzjonati mid-direzzjoni opposta.

Rizultat ta' dan l-incident stradali, l-istanti soffriet danni konsiderevoli u estensivi fil-vettura tal-assikurat taghha.

Il-konvenuta, ghalkemm diversi drabi interpellat, bl-ebda mod ma ghamlet tajjeb ghad-danni minnu kkagunati kif imfisser.

L-istanti Martin Mangion b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali imsemmi.

<u>Raguni tat-Talba:</u>

1. L-istanti Martin Mangion kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka BMW 520D bin-numru ta' registrazzjoni SDS 202 fi Triq Tal-Barrani gewwa z-Zejtun, fis-7 ta' Dicembru tas-sena 2010 u sehh incident stradali meta l-konvenuta, Ramona Cutajar Dalli, li kienet qed issuq vettura tal-marka BMW 118D bin-numru tar-registrazzjoni RCD 259, minghajr ma hadet d-dovuti kawteli ghall-vetturi ohra, baqghet diehla fuq il-vettura tal-istanti, u bhala konsegwenza kkawzat l-imsemmi skontru stradali bejn l-indikati vetturi.

2. L-incident stradali sehh unikament minhabba negligenza, imprudenza, u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta illi naqset milli zzomm debita attenzjoni u *proper lookout* ghal vetturi ohra, senjatament ghal dawk li kienu jinsabu posizzjonati quddiemha.

3. Rizultat ta' dan l-incident stradali l-istanti soffriet danni konsiderevoli u estensivi fil-vettura tal-assikurat taghha li

jammontaw ghal sittax-il elf u sitt mitt Ewro (€16,600.00), oltre spejjez ohra korrelatati hekk kif elenkati fil-prospett ta’ danni.

4. Il-konvenuta, ghalkemm diversi drabi interpellata, qatt ma ressqet ghall-assunzjoni ta’ responsabbilità u ghalhekk bl-ebda mod ma ghamlet tajjeb ghad-danni minnha kkagunati kif imfisser.

5. L-istanti Martin Mangion b’ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali *de quo*.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuta, Ramona Cutajar Dalli, responsabbli ghall-incident stradali li sehh fi Triq tal-Barrani gewwa z-Zejtun, fis-7 ta’ Dicembru tas-sena 2010 u ghad-danni li b’rizultat ta’ l-istess soffriet is-socjeta’ attrici fil-vettura tal-assikurat taghha;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ sittax-il elf u sitt mija, sebgha u sittin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€16,667.85), u dan okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-istanti dik is-somma f’dawk l-ammonti hekk kif likwidati skont it-tieni talba u dikjarati bhala dovuti lilha in linea ta’ danni, kif imfisser.

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali, wahda intavolata llum 23 ta’ April tas-sena 2011 u ohra intavolata llum stess mahruga kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax mid-data tal-intavolar tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba guramentata ta’ Ramona Cutajar Dalli li in forza taghha gie eccepit illi:

L-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku *de quo* sehh unikament htija tal-istess rikorrent Martin Mangion.

It-tieni talba tar-rikorrenti ghandha ghalhekk tkun rigettata wkoll stante li, fejn jirrigwarda l-esponenti, ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entità tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat. Ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandhom jaghmlu l-prova tad-danni skond il-ligi.

It-tielet talba tar-rikorrenti ghandha tkun michuda billi l-esponenti m'ghandhiex tkun ikkundannata thallas ebda danni lir-rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi fil-ligi.

Rat l-affidavit prezentati.

Semghet xhieda viva voce.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.
Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, is-socjetà assikuratrici Untours u Martin Mangion l-assikurat, qed jitolbu minghand l-intimata hlas ta' danni li l-istess socjetà hallset lill-assikurat taghha wara incident stradali li Untours issostni li gara tort ta' Ramona Cutajar Dalli. Din tal-ahhar tichad li l-incident gara htija taghha u ssostni li kien l-istess Martin Mangion li kkawzah.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fis-7 ta' Dicembru tas-sena 2010, Martin Mangion kien qieghed isuq vettura BMW bir-registrazzjoni SDS 202 fit-Triq tal-Barrani, Zejtun. Kien dirett lejn iz-Zejtun. Ramona Cutajar Dalli kienet qed issuq f'direzzjoni opposta u riedet tikser lejn Bulebel. Sehh l-incident ezattament hdejn it-*traffic lights*.

Martin Mangion jirrakonta hekk:

> *"Jien kont qed insuq fi Triq tal-Barrani, direzzjoni minn St. Lucia ghaz-Zejtun, kif wasalt fuq l-ahhar traffic lights ta' din it-triq li jaghtu ghall-Bulebel qisu f'tul ta' zewg karozzi, rajt li t-traffic lights kienu ghadhom hodor u bqajt ghaddej. F'hin minnhom rajt il-vettura BMW nru RCD 259 misjuqa minn Ramona Cutajar Dalli gejja mit-triq opposta sabiex tikser lejn Bulebel, jien ma stajtx nevitaha u b'hekk sar l-impatt. It-traffic lights li kienet fuqhom Ramona Cutajar Dalli direzzjoni miz-Zejtun kienu ghadhom homor."*

L-intimata, però tixhed hekk:

> *"It-traffiku kien wiehed normali u mexxej. Jiena kont qed insuq fuq il-karreggjata tal-lemin u cioé dik vicin ta mas-centre strip.*
>
> *Kif wasalt fil-vicinanzi tat-traffic lights li jaghtu lejn Bulebel, jiena ersaqt fil-karreggjata li tinsab fuq in-naha tal-lemin ta fejn kont qed insuq jien, li hija ntiza ghal dawk il-vetturi li ser iduru lejn Bulebel.*
>
> *Dak il-hin, il-lights kienu homor u ghalhekk jiena waqaft. Quddiemi kien hemm vettura ohra li kienet wieqfa bhali kif ukoll vetturi warajha.*
>
> *Il-lights tieghi qalbu hodor, u cioé l-vlegga ppuntata lejn il-lemin. Nispjega li meta dawn il-lights ikunu hodor, id-dwal tal-parti dritta ta' Triq il-Barrani jkunu homor. Ghalhekk, traffiku sejjer fid-direzzjoni taz-Zejtun kif ukoll traffiku sejjer fid-direzzjoni tal-Belt ikun wieqaf meta jkun permissibbli li t-traffiku jdur lejn Bulebel.*
>
> *Kif qalbu l-lights tieghi, il-vettura ta' quddiemi saqet u jiena soqt warajha. Jiena kont qed inzomm certu distanza minn mal-vettura ta' quddiemi anke peress li qlajt minn posizzjoni wieqfa.*
>
> *Kif jiena bdejt indur lejn Bulebel, fejn kont bil-kemm qbizt il-linja tal-lights, fid-daqqa u l-hin hassejt daqqa fuq*

*quddiem lejn in-naha tal-lemin. Dak il-hin, il-vettura ta' quddiemi kienet diehla lejn Bulebel u ghalhekk il-vettura ko-involuta ghaddiet minn bejnietna."*

Fid-dawl tal-kuntrast bejn il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet din il-Qorti tirreferi ghall-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati fis-sens illi:

> *"Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn f'kawzi civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."* (vide Kollez **Vol. L PII p440**).

Huwa ritenut inoltre:

> *"F'kawza civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu." (*Ara **Dr. H. Lenicker v. J. Camilleri** 31 ta' Marzu tas-sena 1972 P.A.R.F.).

Fil-kawza Schraffrath vs Travel lTV plc (deciza fit-28 ta' Gunju tas-sena 2001), intqal:

> *"Attur irid jipprova l-kaz tieghu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-ligi tal-procedura u skond il-haqq. Attur ma jistax inehhi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella ghas-sens ta' hniena jew dehem arbitrali tal-gudikant minghajr ma jaghti hjiel ta' prova ta' dak li jitlob."*
>
> *Huwa ritenut inoltre "Fir-rikostruzzjoni ta' tali dinamika jassumu allura rilevanza spiss determinanti b'provi*

*cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-verzjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu versjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrizolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet fejn, bhal dak taht ezami, dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikun sehh l-incident jew sempliciment ghaliex dan isir f'salt tant illi s-sewwieq ma jkunx verament irrealizza x'ikun gara" – (***Moira Galea –vs- Michael Zerafa***", Appell, deciza fis-6 ta' Ottubru tas-sena 2000.)*

Il-Qorti qieset il-provi, prodotti, senjatament il-verzjonijiet kontrastanti tal-partijiet fid-dawl tac-cirkostanzi u ssib li l-verzjoni tal-akkadut li jaghti Martin Mangion ma tistax titqies verosimili, dan ghas-segwenti ragunijiet.

Martin Mangion fl-ebda mument ma waqaf jew rallenta meta resaq lejn it-traffic lights. Isostni li meta wasal ghat-traffic lights "qisu f'tul ta' zewg karozzi" ra li kienu ghadhom hodor u baqa' ghaddej. Fix-xhieda viva voce jsemmi tul ta' tlett karozzi u jghid hekk:

*"It-triq hija dritta u nista' nara fit-tul quddiemi. Jiena meta rajt it-traffic lights l-ewwel darba kont lura xi tul ta' 3 karozzi. Nispjega illi jiena l-lights rajthom it-tul ta' 3 traffic lights kollha ta' 3 settijiet ghax it-triq hija twila u dritta. Jiena l-ewwel kont wieqaf fuq il-lights homor tad-dahla ta' Hal Tarxien, imbaghad qeleb ahdar u baqa' ahdar. Baqa' ahdar tul it-triq kollha. Jiena kont qed insuq bl-ispeed ta' 50 kilometru fis-siegha kif ghidt. l-ewwel ma rajt il-vettura l-ohra kienet meta kienet wieqfa fil-lights l-iehor."*

Mill-banda l-ohra Ramona Cutajar Dalli kienet wieqfa tistenna d-dawl jinbidel u kellha karozza wieqfa quddiemha. Fuq dan il-fatt iz-zewg partijiet jaqblu. Martin Mangion stess jikkonferma:

*"Kien hemm karozza wieqfa quddiem il-karozza li habtet mieghi. Il-karozza ta' qabilha qasmet ghad-direzzjoni ta' Bulebel meta jiena kont ghadni 'l boghod."*

Ikompli:

> *"Jiena meta rajt l-ewwel karozza taqsam bqajt ghaddej. Jiena li nista' nghid u li x'hin jiena bqajt ghaddej imbaghad harget hi u dahlet go fija. Jiena ghaddejt bejn iz-zewg karozzi li kienu weqfin fuq il-lights ghal Bulebel. Ma hbattx mal-ewwel wahda, hbatt mat-tieni wahda."*

F'dan is-sens il-Qorti tinnota li l-vettura ta' Martin Mangion spiccat 35 metru 'l boghod mit-traffic lights. Inoltre, il-pulizija li nvestigaw l-incident ma nnotaw ebda brake marks.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Formosa vs Spiteri (deciza fit-28 ta' Novembru tas-sena 2008), ix-xufier li jkun qorob lejn traffic lights, "ghandu jkun attent, bi speed ridott, ghal meta d-dawl isir ahmar." Il-Qorti hija moralment konvinta li din l-attenzjoni da parti ta' Mangion kienet nieqsa.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma hijiex konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-habta sehhet tort ta' Ramona Cutajar Dalli.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Ramona Cutajar Dalli, tichad it-talbiet ta' Untours Insurance Agency Limited u Martin Mangion.

L-ispejjez jithallsu minn Untours Insurance Agency Limited u Martin Magion.

IMHALLEF

DEP/REG